MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2013

Numru. 103/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**Vittorio Curmi**

Kaz Numru: 103/2011

Illum 25 ta’ Settembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Vittorio Curmi**, ta’ erbgha u sebghin (74) sena, bin Salvatore u Rosa neé Spiteri, imwieled Sannat, Ghawdex, nhar il-15 ta’ Novembru, 1936, residenti fil-fond Caprice Ville, Triq it-

Tmienja u Ghoxrin ta’ April, 1688, Sannat, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 74936(G),

akkuzat talli nhar it-2 ta Settembru 2011, u hames snin ta’ qabel, gewwa ghalqa go Triq ta’ Xaghman, Sannat, Ghawdex, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda ghall-habta ta’ bejn l-ghaxra u l-hdax nieqes ghaxra ta’ filghodu (10:00 – 10:50hrs):

(a) volontarjament ta n-nar lill-materjal, kien li kien (haxix), sew jekk kien maqlugh jew mahsud kemm jekk kien ghadu imqabbad mal-art, basta li ma jkunux qeghdin b’mod li jistghu jqabbdu n-nar lill-bini, gharix, jew lok iehor imsemmi fl-Artikolu 316, bi ksur tal-Artikolu 319 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta;

(b) fl-istess lok, data u cirkustanzi qabbad in-nar lill-qasbija fl-ghalqa imsemmija, f’bogħod ta’ anqas minn tnejn u disgħin metru (92) minn dar, bini, taħwil, imżieżel ta’ qmuħ, tiben, u għalf, jew minn depożt ieħor ta’ materjal li jaqbad u dan bi ksur tal-Artiklu 25(a) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) nhar it-02 ta’ Settembru 2011, gewwa Ta’ Xaghman, Sannat, ghall-habta ta’ bejn il-ghaxra u l-hdax nieqes ghaxra ta’ filghodu volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi;

(d) fl-istess data, hin u cirkustanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel lil John Michael Mizzi bi ksur tal-Artikolu 339(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’kaz ta htija il-Qorti giet mitluba tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijijet ta’ Malta, ghal zmien li thoss xeraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz is-CD ezebiet fl-atti ta’ dawn il-proceduri (Dok. “C” – *a fol.* 15).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u semghet lix-xhud minnu prodott.

Semghet it-trattazzjoni da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 67 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehed l-**Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Josric Mifsud** (*a fol.* 16 *et seq.*) rigward ir-rapport li kien ghamel John Michael Mizzi fil-11 ta' Settembru 2011. Spjega li ttiehdet stqarrija tal-imputat (Dok. "B" – *a fol.* 13 *et seq.*). Spjega wkoll li s-CD (Dok. "C" – *a fol.* 15) kien gie moghti lilu minn John Michael Mizzi.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehed ukoll **PS 664 Jason Xerri** (*a fol.* 18 *et seq.*) fejn spjega li fil-11 ta' Settembru 2011 kien sar rapport lilu minn John Michael Mizzi li fit-2 ta' Settembru ghall-10.50am l-imputat kien ta xi nar lil xi ghalqa magenb tieghu. Jispjega li Mizzi qallu li waqt li kien fuq il-bejt xamm riha ta' pitrolju u ra ill-imputat jixhet il-pitrolju f'bicca ghalqa magenb tieghu. Jixhed li l-imputat qal lil Mizzi, wara li dan qallu li kien ser icempel lill-Pulizija u lil tal-*fire engine*, li hu ma kienx jibza' minnhom u li hu qallu wkoll: *"ejja 'l hawn isfel ha nixwik bin-nar"* u *"ejja 'l hawn isfel halli nhallsek!"* (*a fol.* 18). Jikkonferma li kien xhud tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk saqsiex lil Mizzi x'kienet ir-raguni ghala dam disat'ijiem biex jaghmel ir-rapport, wiegeb li fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehed ukoll **Jeffrey Muscat** (*Assistant Rescue Officer* mal-Protezzjoni Civili) (*a fol.* 20 *et seq.*) li qal li fit-2 ta' Settembru 2011 gew imsejha mill-Ghassa tal-Pulizija fil-10.45am biex jitfu xi nar f'ghalqa fl-inhawi ta' Sannat. Jixhed li kien hemm persuna, li ma jiftakarx min hi, li qaltilhom: *"dak qabbadtu jiena"* (*a fol.* 20). Mistoqsi jghid x'inhi r-raguni ghala xorta gie mitfi n-nar allavolja kien hemm persuna li kienet

qaltilhom li kienet qabbdet l-ghalqa hi, jghid: *"jekk ikun qed idejjaq lin-nies, l-ordni tieghi naqbad u nitfi"* (*a fol.* 21). Jixhed li sema xi ghajjat ta' xi hadd gej minn fuq bejt.

In kontro-ezami jghid li minn dan  in-nar ma kienx hemm periklu ghal xi nies jew ghal xi proprjeta'.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehed ukoll **Michael Geoffrey Curmi** (*Property Registration Manager* fir-Registru tal-Artijiet) (*a fol.* 23 *et seq.*) li ezebixxa *site-plan* (Dok. "MC 1" – *a fol.* 25) u kif ukoll dokument (Dok. "MC 2" – *a fol.* 29*)* li juri li l-art tinsab f'isem Victor Curmi (ID Numru 74936(G)).

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehed ukoll **George Attard** (*fire-man* mal-Protezzjoni Civili) (*a fol.* 32 *et seq.*) li kkonferma li kienu gew imsejha biex jitfu xi nar.  Jghid li n-nar kien haxix jaqbad u li x'hin waslu huma kien kwazi ntefa.  Jghid: *"u sibna wiehed u qalilna dalwaqt jintefa u ahna stennejna ftit imbaghad ghajjat xi hadd iehor minn fuq, qalilna biex nitfuh u tlaqna 'l hemm"* (*a fol.* 33).  Ma ftakarx minn kienu dawn iz-zewg persuni.

In kontro-ezami mistoqsi jghid jekk kienx hemm xi periklu ghal xi nies jew proprjeta' minn dan in-nar, jghid li x'hin waslu huma ma kienx hemm periklu u dana peress li kien ftit baqa' x'jaqbad.  Mistoqsi jghid kemm kienet kbira l-*area* li nharqet, jekk hux kbira jew zghira, iwiegeb li din ma kienitx kbira hafna.

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012, xehed ukoll **John Michael Mizzi** (*a fol.* 34 *et seq.*) li qal fit-2 ta' Settembru 2011 waqt li kien fl-ufficju tieghu li jinsab fuq il-bejt, f'liema hin kellu t-twieqi miftuhin, xam riha ta' pitrolju u setgha jara lill-imputat jixhet il-pitrolju u jahraq ghalqa li tinsab hames metri l-boghod mid-dar tieghu (ta' Mizzi).  Jghid li din il-haga tigri kull sena tant li s-sena ta' qabel l-imputat baghat lil ibnu u fis-sena 2011 mar hu stess u qallu: *"din id-darba se nigi jien ghax ma nibzax minnek u ma nibza' minn hadd nahraqhom"* (*a fol.* 35).  Jixhed li meta ra lill-imputat jaghmel hekk qallu li kien ser jghid lill-Pulizija u li l-imputat qallu biex jaghmel li jrid u li ma kienx jibza la

minnu u anqas mill-Pulizija. Jispjega li l-imputat qabad iqabbad u il-vampa telghet madwar zewg metri u f'certi postijiet tlitt metri. Jghid li bhala *area* kienet bejn, wiehed u iehor, tletin metru b'erba' metri. Jispjega li l-ghalqa tinsab f'post residenzjali u li dak li ghamel l-imputat huwa perikoluz. Jghid li cempel l-Ghassa tal-Pulizija u mar igib il-*camera* u li l-imputat beda jidghi dagha fahxi quddiem it-tfal li kienu fil-kcina u heddu wkoll bil-gebel. Jghid li r-*recording* ghamlu fuq CD li tinsab mmarkata bhala Dok. "C" (*a fol.* 15).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk kejjilx id-distanza bejn l-ghalqa u r-residenza tieghu, jghid li ma kejjilx u li jekk mhux hames metri, id-distanza hija dik ta' sitt metri. Jghid li meta waslu tal-*fire-engines*, l-imputat beda jghajjat biex ma jitfux in-nar. Jispjega li l-*area* tletin metru b'erba' metri nharqet f'hames minuti. Jikkonferma li f'hames minuti l-vampa tan-nar marret kompletament. Jghid li x'hin waslu tal-*fire-engines* fuq il-post, madwar ghaxar minuti wara li cempel l-Ghassa, kien ghad baqa' l-*fringes* jinharqu. Jixhed li fl-ghalqa kien hemm haxix twil niexef u li r-*recording* li ha gie mehud minn fuq il-bejt.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2012, xehed il-**Perit Shaun Micallef** (*a fol.* 44 *et seq.*) li kkonferma r-rapport redatt minnu li gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "SM 1" (*a fol.* 46 *et seq.*). F'dan ir-rapport, il-Perit Micallef jindika li l-eqreb residenza ghall-ghalqa in kwistjoni hija dik li tinsab 14.2 metru l-boghod.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri pero ressaq bhala xhud lil John Azzopardi.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2013, xehed **John Azzopardi** (*a fol.* 64 *et seq.*) li jghid li ghandu ghalqa lejn ta' Xaghman li tmiss ma' art ta' Mark Curmi u mat-tifla ta' Victor Curmi. Mistoqsi jghid x'normalment isir minn dawn l-ghelieqi matul is-sena, jghid li jinhadmu. Jghid li madwar sitt snin qabel Mark Curmi kien qallu li l-ghalqa jahraqha fis-sajf.

**Ikkunsidrat**

**Imputazzjoni mmarkata bl-ittra (a)**
**(Artikolu 319 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta):**
Illi Artikolu 319 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

“Kull min volontarjament jagħti n-nar lil għalqa ta’ dwieli, qatgħa mħawla b’siġar, munzelli jew ġemgħa oħra ta’ qmugħ, qoton jew prodott ieħor utili, jew materjal ieħor, ikun li jkun, sew jekk ikunu maqlugħa jew maħsuda kemm jekk ikunu għadhom imqabbdin mal-art, basta li ma jkunux qegħdin b’mod li jistgħu jqabbdu n-nar lil bini, għarix, jew lok ieħor imsemmi fl-Artikolu 316, fejn fil-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija minn sentejn sa erba’ snin”.

Illi mill-atti processwali ma jirrizulta minn imkien li fl-ghalqa in kwistjoni kien hemm xi hadd iehor ghajr ghall-imputat innifsu. Da parte tieghu, il-kwerelant John Michael Mizzi ma kienx fl-ghalqa meta kien qed isir il-hruq pero kien fid-dar tieghu stess. Tenut kont ta’ dan, m’hemmx dubju li l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma tirrizultax u b’hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Imputazzjoni mmarkata bl-ittra (b)**
**(Artikolu 25(1) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta’ Malta):**
Illi Artikolu 25(1) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

“Ħadd ma jista’ jagħti n-nar lil qasbija fl-egħlieqi, f’bogħod ta’ anqas minn tnejn u disgħin metru minn dar, bini, taħwil, imżieżel ta’ qmuħ, tiben, u għalf, jew minn depożt ieħor ta’ materjal li jaqbad”.

Illi, mill-provi prodotti, b’mod partikolari mir-rapport redatt mill-Perit Shawn Micallef (Dok. “SM 1” – *a fol.* 46 *et seq.*), jidher bic-car illi d-distanza li ssir riferenza ghaliha fl-Artikolu 25(1) tal-Kapitolu 33, cioé dik ta’ 92 metru, ma gietx rispettata mill-imputat. *D fatti*, mir-rapport tal-Perit imsemmi jirrizulta li l-eqreb residenza tinsab madwar 14.2 metru l-boghod mill-ghalqa in kwistjoni. Id-difiza tikkontendi li ma kien hemm l-ebda perikolu ghal terzi

meta sar il-hruq in kwistjoni u tikkontendi wkoll dak li tahseb hi x'inhi r-raguni wara dan l-artikolu tal-ligi. Bir-rispett kollu, il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess mid-difiza fit-trattazzjoni taghha rigward dan il-punt u dana ghar-raguni li minkejja dak sottomess mid-difiza, li l-Qorti ghandha r-rizervi dwaru, xorta jibqa' l-fatt li dak li jirrikjedi l-ligi fl-artikolu citat ma giex rispettat. Ghaldaqstant m'hemmx dubju li ghandha tinstab htija fl-imputat ghat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Imputazzjonijiet mmarkati bl-ittri (c) u (d)**

Illi, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2013 (*a fol.* 3), id-difiza eccepiet il-preskrizzjoni ta' tlett xhur fir-rigward tal-imputazzjonijiet mmarkati bl-ittra (c) u (d). Wara li l-Prosekuzzjoni esebiet riferta (Dok. "JM 1" – *a fol.* 10), il-Qorti ghaddiet biex iddikjarat l-azzjoni kriminali li temergi mill-imputazzjonijiet imsemmija bhala preskritta.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li hija biss it-tieni (2) imputazzjoni li giet sodisfacentement pruvata.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni li giet pruvata u dak li wassal lill-imputat jikkommetti tali imputazzjoni (fis-sens li dak li ghamel l-imputat ghamlu minhabba ragunijiet agrikoli).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, ghal darba ohra, tiddikjara li l-azzjoni kriminali taht l-imputazzjonijiet immarkati bl-ittri (c) u (d) bhala preskritti u konsegwentement estinti, tillibera lill-imputat, fuq nuqqas ta' provi, mill-imputazzjoni mmarkata bl-ittra (a), u wara li rat Artikoli 25(1) u 33(2) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni mmarkata bl-ittra (b) u tikkundannah ghal-hlas ta' ammenda ta' mitejn Euro (€ 200.00).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------